Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Marzu 2015
(OR. en)

7002/15

LIMITE

PV/CONS 11
SOC 162
EMPL 82
SAN 63
CONSOM 47

PUBLIC

**ABBOZZ TA' MINUTI**[1]

| | |
|---|---|
| Suġġett: | **It-3374** laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (**IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**) li saret fi Brussell fid-9 ta' Marzu 2015 |

[1] L-informazzjoni dwar deliberazzjonijiet leġislattivi tal-Kunsill, dwar deliberazzjonijiet oħrajn tal-Kunsill miftuħin għall-pubbliku u dwar dibattiti pubbliċi tinstab fl-Addendum 1 għal dawn il-minuti.

## WERREJ

**Paġna**

1. Adozzjoni tal-aġenda proviżorja .......... 3

**ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI**

2. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A" .......... 3

3. Semestru Ewropew 2015: Kontribut għall-Kunsill Ewropew (Brussell, 19-20 ta’ Marzu 2015)3

4. Arranġamenti ta' finanzjament u l-effettività u l-effiċjenza tal-allokazzjoni tar-riżorsi: Rapport imħejji b'mod konġunt mill-KPS u s-servizzi tal-Kummissjoni .......... 4

5. Abbozz ta’ konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-mixja lejn aktar swieq tax-xogħol inklużivi..... 4

6. Abbozz ta’ konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol 2014-2020: Adattament għal sfidi ġodda .......... 5

7. a) Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kumitat tal-Impjiegi u li tħassar id-Deċiżjoni 2000/98/KE
   b) Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u li tħassar id-Deċiżjoni 2004/689/KE .......... 5

8. Affarijiet oħra .......... 5

ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill .......... 7

*

*   *

1. **Adozzjoni tal-aġenda**
6520/15 OJ/CONS 11 SOC 95 EMPL 45 SAN 51 CONSOM 37

Il-Kunsill adotta l-aġenda msemmija hawn fuq.

**ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI**
***(Dibattitu pubbliku f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill [propost mill-Presidenza]) għall-punti 3 sa 6)***

2. **Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"**
6791/15 PTS A 17

Il-Kunsill adotta l-lista ta' punti "A" kif elenkati fid-dok. 6791/15.

3. **Semestru Ewropew 2015: Kontribut għall-Kunsill Ewropew (Brussell, 19-20 ta' Marzu 2015)**
– Dibattitu ta' orjentazzjoni
6138/15 SOC 65 EMPL 26 ECOFIN 92 EDUC 23

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-prijoritajiet għal azzjonijiet fl-oqsma tal-politika tal-impjiegi u dik soċjali. Il-Ministri laqgħu b'mod ġenerali l-approċċ ta' tliet pilastri tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT) biex jikkonċentra aħjar fuq it-tħassib attwali u jindirizzah. Il-Ministri qablu li l-modifiki għas-Semestru Ewropew huma pożittivi, b'mod partikolari l-iskedar tar-Rapporti tal-Pajjiżi, li jagħti aktar żmien għal konsultazzjoni usa' tal-partijiet ikkonċernati.

Ingħatat enfasi speċjali lill-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u l-inklużività tas-swieq tax-xogħol fir-rigward ta' gruppi vulnerabbli (nisa, żgħażagħ, ħaddiema anzjani u dawk qiegħda għal żmien twil).

Il-ħtieġa għal investiment fin-nies u l-ħiliet fil-kuntest tal-ekonomija diġitali ġiet speċifikament enfasizzata kif ukoll it-titjib tal-effettività u l-effiċjenza tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali. Ir-rwol u l-importanza tal-involviment tas-sħab soċjali reġa' ġie sottolinjat.

It-tagħlim reċiproku u d-disseminazzjoni tal-aħjar prattiki ġie mfaħħar talli kien ta' benefiċċju għal kulħadd.

**a) Prijoritajiet għal azzjoni fl-oqsma tal-politiki tal-impjiegi u dawk soċjali: gwida politika fl-2015**

i) Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2015: gwida politika dwar politiki soċjali u dawk dwar l-impjiegi
6147/15 SOC 72 EMPL 33 ECOFIN 99 EDUC 30
+ REV 1 (lv)

ii) Abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi
6142/15 SOC 68 EMPL 29 ECOFIN 95 EDUC 26 JEUN 11

– Adozzjoni

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2015: gwida politika dwar politiki soċjali u dawk dwar l-impjiegi Il-verżjoni finali tinsab fid-dok. 7007/15.

Il-Kunsill adotta r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi. Il-verżjoni finali tinsab fid-dok. 7006/15.

**b) Ewropa Soċjali: Nimmiraw għal tkabbir inklużiv - Rapport annwali tal-2014 tal-KPS dwar is-sitwazzjoni soċjali fl-UE**

– Approvazzjoni tal-messaġġi ewlenin
6194/15 SOC 78
+ ADD 1

Il-Kunsill approva l-messaġġi ewlenin kif jinsabu fid-dok. 6194/15.

**4. Arranġamenti ta' Finanzjament u l-Effettività u l-Effiċjenza tal-Allokazzjoni tar-Riżorsi: Rapport konġunt imħejji mill-KPS u s-Servizzi tal-Kummissjoni Ewropea**

– Approvazzjoni tal-messaġġi ewlenin
6140/15 SOC 66 EMPL 27 ECOFIN93 SAN 44
+ COR 1

Il-Kunsill approva l-messaġġi ewlenin kif jinsabu fid-dok. 6140/15 + COR 1.

**5. Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar kif nimxu lejn swieq tax-xogħol aktar inklużivi**

– Adozzjoni
6182/15 SOC 75 EMPL 36 ECOFIN 102 EDUC 32

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar swieq tax-xogħol inklużivi. Il-verżjoni finali tinsab fid-dok. 7017/15.

6. **Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol 2014-2020: Adattament għal sfidi ġodda**

– Adozzjoni

6535/15 SOC 98 EMPL 46
+ REV 1 (el)

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet. Il-verżjoni finali tinsab fid-dok. 7013/15.

7. a) **Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kumitat tal-Impjiegi u li tħassar id-Deċiżjoni 2000/98/KE**

b) **Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u li tħassar id-Deċiżjoni 2004/689/KE**

– Approċċ ġenerali

6077/15 EMPL 23 SOC 57 ECOFIN 84 EDUC 21
+ ADD 1
+ ADD 1 REV 1 (de, lv)
6079/15 SOC 58 EMPL 24 ECOFIN 85 SAN 42
+ ADD 1

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali kif jinsab fid-dok. 6077/15 + ADD 1 (+ ADD 1 REV 1 (de, lv)) u 6079/15 + ADD 1.

8. **Affarijiet oħra**

a)i) **Rapporti tal-pajjiżi (Semestru Ewropew 2015)**

6632/15 ECOFIN 154 UEM 59 SOC 120 COMPET 79 EMPL 66
ENV 115 EDUC 55 RECH 49 ENER 64 JAI 127
+ ADD 1 - 28

ii) **Linji gwida għall-politiki dwar l-impjieg tal-Istati Membri**

6144/15 SOC 70 EMPL 31 ECOFIN 97 EDUC 28 JEUN 12
+ ADD 1

– Preżentazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni.

b)**Summit Soċjali Tripartitiku**

– Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni dwar is-Summit Soċjali Tripartitiku fid-19 ta' Marzu 2015 skedat qabel is-sessjoni tal-Kunsill Ewropew. Is-suġġett tad-diskussjoni mas-Sħab Soċjali kien *"Ninvestu fit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi: insaħħu l-kontribut tas-sħab soċjali għal Ewropa ġusta u kompetittiva"*.

**c) i)Konferenza ta' livell għoli dwar "Bidu ġdid għad-djalogu soċjali"**
**(Brussell, 5 ta' Marzu 2015)**
6634/15 EMPL 68 SOC 122
**ii)Proposta tal-Kummissjoni dwar l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ**
6581/15 EMPL 52 SOC 106 JEUN 15 REGIO 12
– Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni dwar il-Konferenza ta' Livell Għoli dwar id-Djalogu Soċjali u l-istat attwali ta' proposta ġdida tal-Kummissjoni dwar l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ.

**d) Programmi ta' Ħidma għall-2015 tal-EMCO u l-KPS**
– Informazzjoni mill-Presidenti rispettivi
6145/15 SOC 71 EMPL 32 ECOFIN 98 EDUC 29
6185/15 SOC 77

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenti tal-EMCO u tal-KPS dwar il-programmi ta' ħidma rispettivi tal-Kumitati tagħhom għall-2015.

************

## DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-MINUTI TAL-KUNSILL

| | |
|---|---|
| Dwar punt "A" nru 2: | **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru …/.. ta' XXX li jistabbilixxi Kodiċi ta' Netwerk dwar ir-Regoli ta' Interoperabbiltà u Skambju tad-Data**<br>– **Deċiżjoni li ma ssirx oppożizzjoni għall-adozzjoni** |

### DIKJARAZZJONI MINN FRANZA

"L-awtoritajiet Franċiżi huma favur il-ħolqien ta' kodiċijiet ta' netwerk biex ikun jista' jkun hemm aktar integrazzjoni tas-swieq tal-enerġija Ewropej.

L-awtoritajiet Franċiżi għalhekk jappoġġaw il-prinċipju ta' kodiċi dwar l-interoperabilità tas-sistemi tal-gass. Madankollu, it-test propost mill-Kummissjoni fih dispożizzjonijiet li jmorru kontra l-prattika Franċiża. Dawn id-dispożizzjonijiet mhumiex ġustifikati għal raġunijiet tekniċi, u l-implimentazzjoni teħtieġ investiment konsiderevoli. B'mod partikolari, Franza toġġezzjona għar-regola dwar id-deodorizzazzjoni obbligatorja tan-netwerks ta' trasmissjoni tal-gass fl-Unjoni Ewropea kollha.

Fid-dawl ta' dan, l-awtoritajiet Franċiżi ma jistgħux jappoġġaw il-kodiċi fl-istat attwali tiegħu u jitolbu li l-Kummissjoni tirrevedi r-regola f'konformità mal-impenn li għamlet lill-Coreper fis-27 ta' Frar 2015."

### DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tikkonferma li proġett ta' interess komuni għandu l-għan li jeżamina l-kwistjoni tal-odorizzazzjoni tal-gass fil-qafas ta' proġett pilota bejn Franza u l-Ġermanja. Fuq il-bażi tar-riżultat ta' dan l-eżami, il-Kummissjoni, jekk meħtieġ, ser tqis l-aktar miżuri xierqa li għandhom jittieħdu."